# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 9 ta’ Awwissu, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Jana Majstorovic**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Jana Majstorovic detentrici tal-passaport Serb bin-numru 013081764;

Akkuzata talli fit-18 ta’ Lulju, 2017 u fil-jiem ta’ qabel, naqset milli tiddikjara espressament bil-miktub lill-Ufficjal Principali tal-immigrazzjoni dik ic-cirkustanza biex titlob permess biex tinzel l-art u tibqa’ Malta jew jekk titlob biex tinghata permess ghal residenza, wara li kienet persuna li tnehhiet minn Malta taht decizjoni ta’ ritorn, jew decizjoni ta’ ritorn u ordni ta’ tnehhija jew taht ordni ta’ deportazzjoni mahruga fil-25 ta’ Gunju, 2017 (Art, 24, Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjozni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, l-koperazzjoni mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha sitt xhur prigunerija li b' applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reati iehor fil-perjodu ta' sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**